Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Jannar 2020
(OR. en)

15189/19
PV CONS 73
AGRI 623
PECHE 558

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(**Agrikoltura u Sajd**)

16 u 17 ta' Diċembru 2019

## WERREJ

**Paġna**

1. Adozzjoni tal-aġenda .......... 3

2. Approvazzjoni ta' punti "A" .......... 3
   a) Lista leġislattiva
   b) Lista mhux leġislattiva

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

3. Regolament tal-Kunsill dwar it-TACs u l-Kwoti għall-2020 tal-Atlantiku u l-Baħar tat-Tramuntana .......... 4

**Deliberazzjonijiet leġislattivi**

4. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 u r-Regolament (UE) 508/2014 rigward il-Bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant .......... 4

5. Pakkett ta' riforma tal-PAK wara l-2020 .......... 4

**Affarijiet oħra**

6. a) Użu minuri tal-pestiċidi .......... 5
   b) Informazzjoni lill-konsumaturi dwar l-oriġini tal-prodotti tal-ikel .......... 5
   c) Konklużjonijiet dwar l-istrateġija tal-bijoekonomija tal-UE aġġornata .......... 5
   d) Impatt tat-tariffi tal-Istati Uniti fuq il-prodotti agroalimentari Ewropej .......... 5

3. (kontinwazzjoni) Regolament tal-Kunsill dwar it-TACs u l-Kwoti għall-2020 tal-Atlantiku u l-Baħar tat-Tramuntana .......... 6

7. Flessibbiltà tal-baġit fi ħdan il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014-2020 .. 6

***

**LAQGĦA TAT-TNEJN 16 TA' DIĊEMBRU 2019**

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 14853/19.

Aktar tard dakinhar, il-Kunsill qabel li l-punt 6 d) jiġi diskuss f'sessjoni pubblika.

**2. Approvazzjoni ta' punti "A"**

**a) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 14879/19

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. **Eżenzjoni mill-VAT u d-dazju tas-sisa fir-rigward ta' sforz ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni** [S][C] 14809/19 14126/19 FISC
*Adozzjoni*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-11.12.2019

Il-Kunsill adotta d-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u d-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward tal-isforzi ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni, kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti fid-dokument 14126/19 (Bażi legali: l-Artikolu 113 TFUE).

Enerġija

2. **Regolament dwar it-tikkettar tat-tajers** [O][C] 14640/19 ENER
*Qbil politiku*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-11.12.2019

Il-Kunsill ikkonferma l-qbil politiku tiegħu, kif rifless fid-dokument 14640/19.

**b) Lista mhux leġislattiva** 14878/19

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 14878/19 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

SAJD

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

3. **Regolament tal-Kunsill dwar it-TACs u l-Kwoti għall-2020 tal-Atlantiku u l-Baħar tat-Tramuntana** C 14790/19 13438/19 + ADD 1-2
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: L-Artikolu 43(3) TFUE)
*Qbil politiku*

Il-Kunsill laħaq qbil politiku unanimu dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

**Deliberazzjonijiet leġislattivi**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

4. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 u r-Regolament (UE) 508/2014 rigward il-Bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant** ❶C 14990/19 + ADD 1 14802/19 + COR 1-2
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill adotta Approċċ Ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-FEMS u l-pjan pluriennali tal-Baltiku fir-rigward tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, abbażi tal-kompromess tal-Presidenza li jinsab fid-dokument 14802. Il-Kummissjoni indikat li ma kinitx f'pożizzjoni li tappoġġa l-kompromess maqbul. Il-Latvja astjeniet.

AGRIKOLTURA

**Deliberazzjonijiet leġislattivi**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

5. **Pakkett ta' riforma tal-PAK wara l-2020** ❶C 14983/19 + COR 1
   a) **Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**
   b) **Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK**
   c) **Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) tal-prodotti agrikoli**

*Rapport ta' progress*
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tar-Rapport ta' Progress tal-Presidenza dwar il-proposti tal-Kummissjoni għall-Politika Agrikola Komuni ta' wara l-2020, kif jinsab fid-dokument 14983/19 u l-corrigendum relatat, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet kif ukoll tal-Kummissjoni dwaru.

**Affarijiet oħra**

**6.** **a)** **Użu minuri tal-pestiċidi** 14703/19

*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza, tar-reazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-kummenti tal-Kummissjoni.

**b)** **Informazzjoni lill-konsumaturi dwar l-oriġini tal-prodotti tal-ikel** 14927/1/19 REV 1

*Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża, f'isem id-delegazzjonijiet ta' Franza, il-Greċja, l-Italja l-Portugall u Spanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Franċiża, f'isem Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall u Spanja, kif ukoll tal-kummenti mid-delegazzjonijiet l-oħra u mill-Kummissjoni.

**c)** **Konklużjonijiet dwar l-istrateġija tal-bijoekonomija tal-UE aġġornata** 14907/19

*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija aġġornata tal-UE dwar il-Bijoekonomija "Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa: it-tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent", abbażi tad-dokument 14907/19.

**d)** **Impatt tat-tariffi tal-Istati Uniti fuq il-prodotti agroalimentari Ewropej** 15031/19

*Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola u dik Franċiża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjonijiet ta' Spanja u Franza, tar-reazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-kummenti tal-Kummissjoni.

**LAQGĦA TAT-TLIETA 17 TA' DIĊEMBRU 2019**

SAJD

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

3. (kontinwazzjoni) **Regolament tal-Kunsill dwar it-TACs u l-Kwoti għall-2020 tal-Atlantiku u l-Baħar tat-Tramuntana** Ⓒ 14790/19 13438/19 + ADD 1-2
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: L-Artikolu 43(3) TFUE)
*Qbil politiku*

Ara paġna 4.

**Affarijiet oħra**

7. **Flessibbiltà tal-baġit fi ħdan il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014-2020** 14906/1/19 REV 1
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka, f'isem id-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Estonjana, Ungeriża, Latvjana, u dik Rumena*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ċeka f'isem id-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Estonjana, Ungeriża, Latvjana u dik Rumena dwar il-flessibbiltà baġitarja tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) attwali u tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

---

Ⓢ Proċedura leġislattiva speċjali

➊ L-ewwel qari

Ⓒ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza